MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1257/2002/1

**Thomas Smith Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` estera SIAT kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurat taghha Mark Spiteri**

**vs**

**Raymond Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta’ Mejju, 2002 fejn intalab il-hlas ta’ mija u tlieta u sittin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm163.75), premess illi l-konvenut jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fl-20 ta’ Novembru, 2000, bejn karozzi JBB-115 u CAO-514 u ghalhekk jigi kkundannat ihallas mija u tlieta u sittin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm163.75) danni sofferti b’rizultat ta’ dan l-incident. Bl-ispejjez**

**inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 6 ta’ Frar, 2002, u l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax legali.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-13 ta’ Gunju, 2002, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-esponenti ma kienx responsabbli ghall-incident tat-traffiku in kwistjoni li gara unikament tort ta’ Mark Spiteri s-sewwieq tal-vettura numru JBB-115 liema vettura dak iz-zmien kienet assikurata mas-socjeta` attrici;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta’ Mark Spiteri u Raymond Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi din il-kawza tirrigwarda kollizjoni li sehhet fl-20 ta’ Novembru, 2000 fi triq Regjonali, Gzira, bejn il-vettura vann transit bin-numru ta’ registrazzjoni JBB-115 misjuqa minn Mark Spiteri assikurat tas-socjeta` attrici, u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CAO-514 misjuqa mill-konvenut Raymond Camilleri.**
**2. L-incident gara fejn ir-roundabout fl-imsemmija triq fejn hemm it-traffic lights.**
**3. Is-sewwieq tal-vann assikurat mas-socjeta` attrici kien ried imur fid-direzzjoni ta’ Msida/Birkirkara u kien ghadda l-istop sign, peress li dawl tat-traffiku kien qaleb ghal ahdar. Huwa kien wasal hdejn ir-roundabout, meta skond hu minn naha tax-xellug: “fsalt giet vettura” u baqghet diehla fih.**
**4. Skond il-konvenut kien gej mid-direzzjoni ta’ San Giljan miexi lejn l-Imsida, u kien fil-karreggjata tan-nofs, u meta wasal hdejn l-istop sign id-dawl tat-traffiku kien ahmar u waqaf. Skond il-konvenut quddiemu ma kien hemm hadd, pero` kien hemm karrozzi fuq ix-xellug tieghu, ghalkemm jghid li ma kienx hemm il-vann. Il-konvenut jghid li meta d-dawl qaleb ghall-ahdar hu beda miexi u kif wasal hdejn ir-**

**roundabout hass daqqa minn wara., u fil-fatt intlaqat fuq il-genb tal-lemin ta' wara, fil-bieba ta' wara.**

**5. Minn valutazzjoni tal-fatti jidher illi l-incident sehh meta z-zewg vetturi bdew mexjin fl-istess direzzjoni. Ghalkemm jirrizulta li l-konvenut intlaqat fuq il-bieba ta' wara tan-naha tal-lemin, jidher ukoll li dan kien qed jaqla minn gewwa. F'dik il-parti tat-triq iz-zewg sewwieqa messhom kienu aktar attenti ghat-traffiku ta' hdejhom. Fic-cirkostanzi iz-zewg sewwieqa jahtu ghall-incident li sehh fi kwoti ugwali, peress li ma ppreztawx attenzjoni bizzejjed ghat-traffiku li kien hemm.**

**6. Id-danni fil-vettura ta' l-attur kienu jammontaw ghall mija u tlieta u sittin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm163.75), li minnhom il-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli biss ghall hlas ta' nofs dan l-ammont fis-somma ta' wiehed u tmenin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm81.87).**

**Ghaldaqstant peress illi l-konvenut kien jahti ghall-incident biss fi grad ta' nofs, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' wiehed u tmenin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm81.87), bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mil-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**